MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2012

Rikors Numru. 384/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie mahluf mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta’ Mejju 1992 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. JC1**;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ (4) snin kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti

bejniethom datat il-5 ta' Dicembru 2006 u redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Elizabeth Sciriha (ara **Dok. JC2** hawn anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn / familji godda;

Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (ara **Dok. JC2**) u ghalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut;

Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe' X u Y. X illum hija maggorenni filwaqt li Y ghadu minuri;

Illi r-rikorrent jiddikjara li huwa dejjem mexa ma' l-obbligi tieghu skond il-kuntratt ta' hlas ta' manteniment fil-konfront ta' uliedu u li ma hemm l-ebda manteniment dovut b'lura;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jiddudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-attur A B ressaq talba quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-

kontendenti, u konsegwentement tordna r-registrazzjoni tal-istess divorzju bejn il-partijiet fir-Registru Pubbliku;

Illi r-rikorrenti prezentement tissottometti illi t-talbiet attrici **ma ghandhomx** jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti, u dan a bazi tal-fatt illi r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta mhumiex kollha sodisfatti, hekk kif rikjest mil-istess provvediment tal-ligi.

Illi a kuntrarju ta’ dak illi ddikjara l-attur A B fir-rikors promotur tieghu, huwa filfatt ma mexiex mal-obbligi fuqu mposti mill-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejn il-partijiet (liema kuntratt kien ippublikat min-Nutar Dr. Elizabeth Sciriha nhar il-5 ta’ Dicembru 2006), u dan billi naqas f’diversi okkazjonijiet illi jhallas il-manteniment minnu dovut fil-konfront ta’ wliedu;

Illi l-attur gie nterpellat diversi drabi mir-rikorrenti sabiex jaderixxi mal-imsemmija obbligi illi jirrizultaw mill-kuntratt ta’ firda legali fuq specifikat, izda minkejja dan l-istess attur baqa’ f’diversi okkazjonijiet inadempjenti fil-hlas tal-manteniment ghal uliedu, kollox kif ser jigi ppruvat matul it-trattazjoni tal-kawza.

Illi l-attur sahansitra waqaf ghal kollox milli jhallas il-manteniment minnu dovut fil-konfront tat-tifla X. Minkejja l-fatt illi illum l-imsemmija tifla ghalqet it-tmintax il-sena, din ghadha ma ghalqitx it-tlieta u ghoxrin sena u qieghda prezentement tkompli l-edukazzjoni taghha fuq bazi *full-time* fl-istitut tal-MCAST, ghalhekk ai termini tal-Artikolu 3B(2)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta l-attur jibqa’ taht l-obbligu illi jhallas il-manteniment fil-konfront taghha, haga illi naqas milli jaghmel.

Illi in vista tas-suespost, huwa evidenti illi l-attur diga’ wera illi bl-ebda mod ma huwa dispost illi jikkoopera mar-rikorrenti, u sahansitra illi jonora l-obbligi mposti fuqu kemm skond il-fuq imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni personali, kif ukoll skond kif ipprovdut mill-provvedimenti tal-ligi stess. Jidher ghalhekk b’mod car illi fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet attrici, ser ikun ferm aktar difficli ghall-esponenti illi tikseb minghand ir-rikorrent il-

hlas tal-maneniment dovut ghall-bzonnijiet ta’ uliedha, u konsegwentement, f’kaz illi din l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tholl iz-zwieg, l-istess Qorti ghandha tordna illi l-hlas tal-manteniment dovut mill-attur jigi zgurat b’garanzija xierqa u ragjonevoli ai termini tal-Artikolu 66I(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex fil-kaz illi jigi xolt iz-zwieg bejn il-partijiet, ma jigu bl-ebda mod ippregudikati d-drittijiet tal-ulied f’dan ir-rigward.

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat in-nota tar-rikorrenti tad-19 ta’ Gunju, 2012;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-Avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Ikkunsidrat :

Illi l-intimata ikkontendiet illi ir-rikorrenti kien inadempjenti fil-hlas ta’ manteniment ghall-minuri, izda il-Qorti rat illi meta l-intimata ghaddiet l-ircevuti tal-ispejjez minnha inkorsi f’dan ir-rigward ir-rikorrenti hallas il-manteniment mal-ewwel u ghaldaqstant il-Qorti ma tarax illi huwa il-kaz illi timponi garanzija f’dan ir-rigward fil-konfront tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Dicembru 2006;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment pendenti fil-konfront tal-minuri u illi fil-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------